II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/308/PESK

## tas-26 ta' April 2012

## dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 flimkien mal-Artikolu 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(8), it-tieni subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) It-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk (it-Trattat) kien iffirmat fl-24 ta' Frar 1976 mir-Repubblika tal-Indoneżja, il-Malasja, ir-Repubblika tal-Filippini, ir-Repubblika ta' Singapor u r-Renju tat-Tajlandja. Middata tal-firma, issegwenti pajjiżi saru wkoll firmatarji tat-Trattat: il-Brunej Darussalam, ir-Renju tal-Kambodja, ir-Repubblika Demokratika Popolari ta' Lao, il-Burma/Mjanmar, ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam, l-Istat Indipendenti tal-Papwa Ginea Ġdida, ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, ir-Repubblika tal-Indja, il-Ġappun, ir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan, ir-Repubblika tal-Korea, il-Federazzjoni Russa, in-New Zealand, il-Mongolja, il-Commonwealth tal-Awstralja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Demokratika ta' Timor tal-Lvant, ir-Repubblika Popolari tal-Bangladexx, ir-Repubblika Demokratika Soċjalista ta' Sri Lanka, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Amerika, ir-Repubblika tat-Turkija u l-Kanada.

(2) It-Trattat għandu l-għan li jippromwovi l-paċi, l-istabilità u l-kooperazzjoni fir-reġjun. Għal dan il-għan, jitlob għas-soluzzjoni tat-tilwimiet permezz ta' mezzi paċifiċi, il-ħarsien tal-paċi, il-prevenzjoni ta' kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà fl-Asja tax-Xlokk. Għalhekk, ir-regoli u l-prinċipji stabbiliti fit-Trattat jikkorrespondu għall-objettivi tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni tal-Unjoni.

(3) Barra minn hekk, it-Trattat jipprovdi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni f'oqsma ekonomiċi, kummerċjali, soċjali, tekniċi u xjentifiċi kif ukoll għall-aċċellerazzjoni tat-tkabbir ekonomiku fir-reġjun bil-promozzjoni ta' aktar utilizzazzjoni tal-agrikoltura u industriji tan-nazzjonijiet fl-Asja tax-Xlokk, l-espansjoni tal-kummerċ tagħhom u t-titjib tal-infrastruttura ekonomika tagħhom. Għaldaqstant, it-Trattat jippromwovi kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ta' dak ir-reġjun kif ukoll kooperazzjoni ekonomika, finanzjarja u teknika ma' pajjiżi oħra barra mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw.

(4) Il-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-4-5 ta' Diċembru 2006, awtorizza lill-Presidenza u lill-Kummissjoni biex tinnegozja l-adeżjoni tal-Unjoni u l-Komunità Ewropea fit-Trattat,

(5) Permezz ta' ittra datata 7 ta' Diċembru 2006, l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea infurmaw lill-Kambodja, fil-kapaċità tagħha bħala Koordinatur tal-ASEAN għar-relazzjonijiet mal-Unjoni, bid-deċiżjoni tagħhom li japplikaw għall-adeżjoni mat-Trattat suġġett għal fehmiet espressi fl-ittra.

(6) Fit-28 ta' Mejju 2009, it-Tajlandja, li dak iż-żmien kienet President tal-ASEAN, ddikjarat il-kunsens tal-Istati kollha fl-Asja tax-Xlokk għall-adeżjoni mat-Trattat mill-Unjoni u l-Komunità Ewropea, suġġett għad-dħul fis-seħħ tat-Tielet Protokoll mat-Trattat.

(7) It-Tielet Protokoll mat-Trattat, iffirmat fit-23 ta' Lulju 2010, jipprovdi għall-adeżjoni ta' organizzazzjonijiet reġjonali għat-Trattat.

(8) L-Unjoni għandha għalhekk taderixxi mat-Trattat wara id-dħul fis-seħħ tat-Tielet Protokoll tat-trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-adeżjoni tal-Unjoni mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk huwa hawnhekk approvat f'isem l-Unjoni.

It-testi tat-Trattat u t-tliet Protokolli emendatorji tiegħu, kif ukoll l-istrument ta' Adeżjoni mat-Trattat mill-Unjoni, huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kunsill b'dan jawtorizza lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex tiffirma u tiddepożita l-Istrument għall-Adeżjoni mat-Trattat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-26 ta' April 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BØDSKOV

TRADUZZJONI

**Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk**

**L-Indoneżja, l-24 ta' Frar 1976**

Il-Partijiet Kontraenti Għolja:

FILWAQT LI HUMA KONXJI mir-rabtiet eżistenti ta' storja, ġeografija u kultura, li rabtu flimkien il-popli tagħhom;

FILWAQT LI HUMA ĦERQANA biex jippromwovu l-paċi u l-istabilità reġjonali permezz tal-osservazzjoni għar-rispett lejn il-ġustizzja u l-istat tad-dritt u li titjieb ir-reżiljenza reġjonali fir-relazzjonijiet tagħhom;

FILWAQT LI JIXTIEQU li jsaħħu l-paċi, l-ħbiberija u l-kooperazzjoni reċiproka dwar kwistjonijiet li jaffetwaw l-Asja tax-Xlokk konsistenti mal-ispirtu u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, l-għaxar prinċipji adottati fil-Konferenza tal-Asja u l-Afrika f'Bandung fil-25 ta' April 1955, id-dikjarazzjoni tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk iffirmata f'Bangkok fit-8 ta' Awissu 1967, u d-Dikjarazzjoni iffirmata fi Kuala Lumpur fis-27 ta' Novembru 1971;

FILWAQT LI HUMA KONVINTI lis-soluzzjoni għad-differenzi jew tilwim bejn il-pajjiżi tagħhom għandha tkun regolata minn proċeduri razzjonali, effikaċji u flessibbli biżżejjed, li jevitaw attitudnijiet negattivi li jistgħu jipperikolaw jew ifixklu l-kooperazzjoni;

JEMMNU fil-ħtieġa ta' koperazzjoni man-nazzjonijiet kollha li jgħozzu l-paċi, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Asja tax-Xlokk, għall-avvanz tal-paċi, l-istabilità u l-armonija dinjija;

SOLLENNEMENT JAQBLU li jidħlu fit-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni kif ġej:

## 1.1.1.1. KAPITOLU I: GĦAN U PRINĊIPJI

### *Artikolu 1*

L-għan ta' dan it-Trattat huwa li jippromwovi l-paċi perpetwa, il-ħbiberija u l-kooperazzjoni fost il-popli tagħhom li jikkontribwixxu għas-saħħa tagħhom, is-solidarjetà u r-relazzjoni eqreb,

### *Artikolu 2*

Fir-relazzjonijiet tagħhom ma' xulxin, il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jiġu iggwidati mill-prinċipji fundamentali li ġejjin:

a. Ir-rispett reċiproku għall-indipendenza, is-sovranità, l-ugwaljanza, l-integrità territorjali u l-identità nazzjonali tan-nazzjonijiet kollha;

b. Id-dritt ta' kull Stat li jkun sid tal-eżistenza nazzjonali tiegħu stess ħieles minn indħil, sovversjoni jew koerżjoni minn barra;

c. Noninterferenza fl-affarijiet interni ta' xulxin;

d. Sistemazzjoni tad-differenzi jew tilwimiet permezz ta' mezzi paċifiċi;

e. Rinunzja ta' theddid jew użu ta' forza;

f. Kooperazzjoni effettiva bejniethom.

## 1.1.1.2. KAPITOLU II: ĦBIBERIJA

### *Artikolu 3*

Skont l-iskop ta' dan it-Trattat il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jagħmlu ħilithom biex jiżviluppaw u jsaħħu r-rabtiet, kulturali u storiċi tradizzjonali ta' ħbiberija, ir-relazzjonijiet tajba mal-viċinat u l-kooperazzjoni li jgħaqqduhom flimkien u għandhom jissodisfaw b'rieda tajba l-obbligi assunti taħt dan it-Trattat. Sabiex jiġi promoss fehim aktar mill-qrib bejniethom, il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom iħeġġu u jiffaċilitaw kuntatt u komunikazzjoni soċjali fost il-popli tagħhom.

### 1.1.1.3. KAPITOLU III: KOOPERAZZJONI

*Artikolu 4*

Il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jippromwovu kooperazzjoni attiva fil-qasam ekonomiku, soċjali, tekniku, xjentifiku u amministrattiv kif ukoll fi kwistjonijiet ta' ideali komuni u aspirazzjonijiet tal-paċi internazzjonali u stabbiltà fir-reġjun u l-affarijiet l-oħra kollha ta' interess komuni.

*Artikolu 5*

Skont l-Artikolu 4 il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jeżerċitaw l-isforzi massimi b'mod multilaterali kif ukoll bilateralment fuq il-bażi tal-ugwaljanza, in-nondiskriminazzjoni u l-benefiċċju reċiproku.

*Artikolu 6*

Il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jikkollaboraw għall-aċċellerazzjoni tat-tkabbir ekonomiku fir-reġjun sabiex jissaħħaħ il-pedament għal komunità prosperuża u paċifika tan-nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk. Għal dan il-għan, huma għandhom jippromwovu aktar l-użu tal-agrikoltura u l-industriji tagħhom, l-espansjoni tal-kummerċ tagħhom u t-titjib tal-infrastruttura ekonomika tagħhom għall-benefiċċju reċiproku tal-popli tagħhom. F'dan ir-rigward, huma għandhom ikomplu jesploraw it-toroq kollha għal kooperazzjoni mill-qrib u ta' benefiċċju ma' Stati oħra kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali 'il barra mir-reġjun.

*Artikolu 7*

Il-Partijiet Kontraenti Għolja, sabiex jiksbu ġustizzja soċjali u biex jgħollu l-livell tal-għajxien tal-popli tar-reġjun, għandhom jintensifikaw il-koperazzjoni ekonomika. Għal dan il-għan, huma għandhom jadottaw strateġiji reġjonali xierqa għall-iżvilupp ekonomiku u assistenza reċiproka.

*Artikolu 8*

Il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jistinkaw biex jiksbu l-eqreb koperazzjoni fuq l-akbar skala u għandhom ifittxu biex jipprovdu assistenza lil xulxin fil-forma ta' taħriġ u faċilitajiet tar-riċerka fl-oqsma soċjali, kulturali, tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi.

*Artikolu 9*

Il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jagħmlu ħilithom biex irawmu koperazzjoni għat-tkabbir tal-paċi, l-armonija, u l-istabbiltà fir-reġjun. Għal dan il-għan, il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom iżżommu kuntatti regolari u konsultazzjonijiet bejniethom dwar kwistjonijiet internazzjonali u reġjonali bil-għan li jikkoordinaw l-opinjonijiet, l-azzjonijiet u l-linji politiki tagħhom.

*Artikolu 10*

Kull Parti Kontraenti Għolja ma għandha, bl-ebda mod jew għamla tipparteċipa fi kwalunkwe attività li tikkostitwixxi theddida għall-istabbilità politika u ekonomika, għas-sovranità, jew l-integrità territorjali ta' Parti Kontraenti Għolja oħra.

*Artikolu 11*

Il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jirsistu biex isaħħu r-reżiljenza nazzjonali rispettiva tagħhom fl-oqsma politiċi, ekonomiċi, soċjokulturali kif ukoll tas-sigurtà f'konformità mal-ideali u l-aspirazzjonijiet rispettivi tagħhom, ħielsa minn indħil barrani kif ukoll attivitajiet sovversivi interni sabiex iħarsu l-identitajiet nazzjonali rispettivi tagħhom.

*Artikolu 12*

Il-Partijiet Kontraenti Għolja, fl-isforzi tagħhom biex jiksbu prosperità u sigurtà reġjonali, għandhom jirsistu biex jikkooperaw fl-oqsma kollha għall-promozzjoni tar-reżiljenza reġjonali, ibbażata fuq il-prinċipji ta' fiduċja fihom infushom, ta' affidabbiltà fil-kapaċitajiet tagħhom stess, ta' rispett reċiproku, ta' kooperazzjoni u solidarjetà li se jikkostitwixxu s-sisien ta' komunità tan-Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk f'saħħitha u vijabbli

### 1.1.1.4. KAPITOLU IV: SOLUZZJONI PAĊIFIKA TAT-TILWIM

*Artikolu 13*

Il-Partijiet Kontraenti Għolja għandu jkollhom id-determinazzjoni u r-rieda tajba biex jipprevjenu l-ħolqien ta' tilwim. Fil-każ li jqum xi tilwim dwar kwistjonijiet li qed jaffettwawhom direttament, speċjalment tilwim li aktarx jiddisturba l-paċi u l-armonija reġjonali, huma għandhom iżommu lura minn theddid jew użu ta' forza u dejjem għandhom isolvu dan it-tilwim permezz ta' negozjati amikevoli.

*Artikolu 14*

Għar-riżoluzzjoni ta' tilwimiet permezz ta' proċessi reġjonali, il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jikkostitwixxu, bħala korp kontinwu, Kunsill Għoli li jinkludi Rappreżentant fil-livell ministerjali minn kull Parti Kontraenti Għolja biex jieħu nota tal-eżistenza ta' tilwimiet jew sitwazzjonijiet li x'aktarx ifixklu l-paċi u l-armonija reġjonali.

*Artikolu 15*

Fil-każ li ma tinstab l-ebda soluzzjoni permezz ta' negozjati diretti, il-Kunsill Għoli għandu jieħu nota tat-tilwima jew is-sitwazzjoni u għandu jirrakkomanda lill-partijiet tat-tilwima mezzi xierqa ta' soluzzjoni bħal bon offiċji, medjazzjoni, inkjesti jew konċiljazzjoni. Il-Kunsill Għoli jista' madankollu joffri l-bon offiċji tiegħu, jew fuq ftehim mill-partijiet fit-tilwima, jikkostitwixxi lilu nnifisu f'Kumitat ta' medjazzjoni, inkjesta jew konċiljazzjoni. Meta jkun hemm bżonn, il-Kunsill Għoli għandu jirrakkomanda miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' deterjorament tat-tilwima jew is-sitwazzjoni.

*Artikolu 16*

Id-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan il-Kapitolu m'għandhomx japplikaw għal tilwima sakemm il-partijiet kollha tat-tilwima jaqblu mal-applikazzjoni tagħhom għal dik it-tilwima. Madankollu, dan m'għandux jipprekludi il-Partijiet Kontraenti Għolja l-oħra li ma jkunux parti mit-tilwima milli joffru l-assistenza kollha possibbli sabiex isolvu tilwima bħal din. Il-partijiet fit-tilwima għandhom ikunu wkoll disposti lejn tali offerti ta' assistenza.

*Artikolu 17*

Xejn f'dan it-Trattat m'għandu jipprekludi rikors għall-modi ta' soluzzjoni paċifika li jinsabu fl-Artikolu 33(l) tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Partijiet Kontraenti Għolja li huma partijiet għat-tilwima għandhom jiġu mħeġġa biex jieħdu inizjattivi biex isolvuha permezz ta' negozjati amikevoli qabel jirrikorru għal proċeduri oħra previsti fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

### 1.1.1.5. KAPITOLU V: DISPOŻIZZJONI ĠENERALI

*Artikolu 18*

Dan it-Trattat għandu jiġi ffirmat mir-Repubblika tal-Indoneżja, il-Malasja, r-Repubblika tal-Filippini, ir-Repubblika ta' Singapor u r-Renju tat-Tajlandja. Għandu jiġi ratifikat skont il-proċeduri kostituzzjonali ta' kull Stat firmatarju. Għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni mill-Istati l-oħra fl-Asja tax-Xlokk.

*Artikolu 19*

Dan it-Trattat għandu jidħol fis-seħħ fid-data tad-depożitu tal-ħames strument tar-ratifikazzjoni mal-Gvernijiet tal-Istati firmatarji li huma nnominati bħala Depożitarji ta' dan it-Trattat u l-istrumenti ta' ratifika jew adeżjoni.

*Artikolu 20*

Dan it-Trattat huwa mhejji fil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti Għolja, li kollha huma ugwalment awtorevoli. Għandu jkun hemm traduzzjoni komuni miftiehma tat-testi fil-lingwa Ingliża. Kwalunkwe interpretazzjoni diverġenti tat-test komuni għandha tiġi solvuta permezz ta' negozjati.

BIR-RIEDA TAJBA TAGĦHOM, il-Partijiet Kontraenti Għolja iffirmaw it-Trattat u hawnhekk waħħlu s-siġilli tagħhom.

Magħmul f'Denpasar, Bali, dan l-erbgħa u għoxrin jum ta' Frar fis-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin.

**Il-Protokoll li jemenda t-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk Il-Filippini, il-15 ta' Diċembru 1987**

Il-Gvern tal-Brunej Darussalam

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Indonesja

Il-Gvern tal-Malasja

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini

Il-Gvern tar-Repubblika ta' Singapor

Il-Gvern tar-Renju tat-Tajlandja

FILWAQT LI JIXTIEQU li jkomplu jsaħħu l-koperazzjoni man-nazzjonijiet kollha li jgħożżu l-paċi, kemm ġewwa u anke lil hinn mill-Asja tax-Xlokk u, partikolarment, l-Istati ġirien fir-reġjun tal-Asja tax-Xlokk

JIKKUNSIDRAW il-Paragrafu 5 tal-preambolu tat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk, magħmul f'Denpasar, Bali, fl-24 ta' Frar 1976 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-Trattat ta' Ħbiberija) li jirreferi għall-ħtieġa ta' koperazzjoni man-nazzjonijiet kollha li jgħożżu l-paċi, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Asja tax-Xlokk, għall-avvanz tal-paċi, l-istabilità u l-armonija dinjija.

HAWNHEKK JAQBLU FUQ DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 18 tat-Trattat ta' Ħbiberija għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

> "Dan it-Trattat għandu jiġi ffirmat mir-Repubblika tal-Indoneżja, il-Malasja, ir-Repubblika tal-Filippini, ir-Repubblika ta' Singapor u r-Renju tat-Tajlandja. Għandu jiġi ratifikat skont il-proċeduri kostituzzjonali ta' kull Stat firmatarju.
>
> Għandu jkun miftuħ għall-adeżjoni mill-Istati l-oħra fl-Asja tax-Xlokk.
>
> Stati lil hinn mill-Asja tax-Xlokk jistgħu jaderixxu wkoll ma' dan it-Trattat bil-kunsens tal-Istati kollha fl-Asja tax-Xlokk li huma firmatarji għal dan it-Trattat u il-Brunej Darussalam."

*Artikolu 2*

L-Artikolu 14 tat-Trattat ta' Ħbiberija għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

> "Għas-sistemazzjoni ta' tilwimiet permezz ta' proċessi reġjonali, il-Partijiet Kontraenti Għolja għandhom jikkostitwixxu, bħala korp kontinwu, Kunsill Għoli li jinkludi Rappreżentant fil-livell ministerjali minn kull Parti Kontraenti Għolja biex jieħu nota tal-eżistenza ta' tilwimiet jew sitwazzjonijiet li x'aktarx ifixklu l-paċi u l-armonija reġjonali.
>
> Madankollu, dan l-Artikolu għandu japplika għal kwalunkwe Stat barra l-Asja tax-Xlokk li jkun aderixxa mat-Trattat biss f'każijiet meta dak l-Istat ikun direttament involut fit-tilwima li għandha tiġi riżolta permezz ta' proċessi reġjonali."

*Artikolu 3*

Dan il-Protokoll għandu jkun soġġett għal ratifikazzjoni u għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta jiġi depożitat l-aħħar strument ta' ratifika tal-Partijiet Kontraenti Għolja.

Magħmul f'Manila, il-ħmistax-il-jum ta' Diċembru fis-sena elf disa' mija u sebgħa u tmenin.

**It-Tieni Protokoll li jemenda t-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk**

**Manila, il-Filippini, il-25 ta' Lulju 1998**

Il-Gvern tal-Brunej Darussalam

Il-Gvern tar-Renju tal-Kambodja

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Indonesja

Il-Gvern tar-Repubblika Demokratika Popolari ta' Lao

Il-Gvern tal-Malasja

L-Gvern tal-Unjoni tal-Mjanmar

Il-Gvern tar-Repubblika tal-Filippini

Il-Gvern tar-Repubblika ta' Singapor

Il-Gvern tar-Renju tat-Tajlandja

Il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam

Il-Gvern tal-Papwa Ginea Ġdida

Minn issa 'l quddiem imsejħa l-Partijiet Kontraenti:

FILWAQT LI JIXTIEQU li jiżguraw li jkun hemm titjib xieraq tal-koperazzjoni man-nazzjonijiet kollha li jgħożżu l-paċi, kemm ġewwa u kif ukoll barra mill-Asja tax-Xlokk u, partikolarment, l-Istati ġirien fir-reġjun tal-Asja tax-Xlokk;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-Paragrafu 5 tal-preambolu tat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk, magħmul f'Denpasar Bali, fl-24 ta' Frar 1976 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-Trattat ta' Ħbiberija) li jirreferi għall-ħtieġa ta' koperazzjoni man-nazzjonijiet kollha li jgħozzu l-paċi, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Asja tax-Xlokk, għall-avvanz tal-paċi, l-istabilità u l-armonija dinjija.

HAWNHEKK JAQBLU FUQ DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 18, il-Paragrafu 3 tat-Trattat ta' Ħbiberija għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

"Stati barra mill-Asja tax-Xlokk jistgħu ukoll jaderixxu ma' dan it-Trattat bil-kunsens tal-Istati kollha fl-Asja tax-Xlokk, jiġifieri, il-Brunej Darussalam, ir-Renju tal-Kambodja, ir-Repubblika tal-Indoneżja, ir-Repubblika Demokratika Popolari ta' Lao, il-Malasja, l-Unjoni tal-Mjanmar, ir-Repubblika tal-Filippini, ir-Repubblika ta' Singapor, ir-Renju tat-Tajlandja u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam."

*Artikolu 2*

Dan il-Protokoll għandu jkun soġġett għal ratifikazzjoni u għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta jiġi depożitat l-aħħar strument ta' ratifika tal-Partijiet Kontraenti Għolja.

Magħmul f'Manila, fil-ħamsa u għoxrin ta' Lulju fis-sena elf disa' mija u disgħa u tmenin.

**It-Tielet Protokoll li jemenda t-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk**

**Ha Noi, il-Vjetnam, it-23 ta' Lulju 2010**

Il-Brunej Darussalam

Ir-Renju tal-Kambodja

Ir-Repubblika tal-Indoneżja

Ir-Repubblika Popolari Demokratika tal-Lao

Il-Malasja

L-Unjoni tal-Mjanmar

Ir-Repubblika tal-Filippini

Ir-Repubblika ta' Singapor

Ir-Renju tat-Tajlandja

Ir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam

Il-Commonwealth tal-Awstralja

Ir-Repubblika Popolari tal-Bangladexx

Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina

Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea

Ir-Repubblika Franċiża

Ir-Repubblika tal-Indja

Il-Ġappun

Il-Mongolja

In-New Zealand

Ir-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan

Papwa Ginea Ġdida

Ir-Repubblika tal-Korea

Il-Federazzjoni Russa

Ir-Repubblika Demokratika Soċjalista tas-Sri Lanka

Ir-Repubblika Demokratika tat-Timor tal-Lvant

Ir-Repubblika tat-Turkija

L-Istati Uniti tal-Amerika

Minn issa 'l quddiem imsejħa l-Partijiet Kontraenti:

FILWAQT LI JIXTIEQU li jiżguraw li jkun hemm titjib xieraq tal-koperazzjoni man-nazzjonijiet kollha li jgħożżu l-paċi, kemm ġewwa u kif ukoll barra min-Nazzjonijiet tal-Asja tax-Xlokk u, partikolarment, l-Istati ġirien fir-reġjun tal-Asja tax-Xlokk, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet reġjonali li l-membri tagħhom huma biss Stati sovrani;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-Paragrafu 5 tal-preambolu tat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk, magħmul f'Denpasar, Bali, fl-24 ta' Frar 1976 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-Trattat ta' Ħbiberija) li jirreferi għall-ħtieġa ta' koperazzjoni man-nazzjonijiet kollha li jgħożżu l-paċi, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Asja tax-Xlokk, għall-avvanz tal-paċi, l-istabilità u l-armonija dinjija;

HAWNHEKK JAQBLU FUQ DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 18, il-Paragrafu 3 tat-Trattat ta' Ħbiberija għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

"Dan it-Trattat għandu jkun miftuħ għal adeżjoni ta' Stati barra mill-Asja tax-Xlokk u organizzazzjonijiet reġjonali li l-membri tagħhom huma biss Stati sovrani bil-kunsens tal-Istati kollha fl-Asja tax-Xlokk, jiġifieri, il-Brunej Darussalam, ir-Renju tal-Kambodja, ir-Repubblika tal-Indoneżja, ir-Repubblika Demokratika Popolari ta' Lao, il-Malasja, l-Unjoni tal-Mjanmar, ir-Repubblika tal-Filippini, ir-Repubblika ta' Singapor, ir-Renju tat-Tajlandja u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam."

*Artikolu 2*

L-Artikolu 14, il-Paragrafu 2 tat-Trattat ta' Ħbiberija għandu jiġi emendat biex jinqara kif ġej:

"Madankollu, dan l-Artikolu għandu japplika għal Partijiet Kontraenti Għolja li jkunu aderixxew mat-Trattat biss f'każijiet meta Parti Kontraenti Għolja tkun direttament involuta fit-tilwima li għandha tiġi riżolta permezz ta' proċessi reġjonali."

*Artikolu 3*

Dan il-Protokoll għandu jkun soġġett għal ratifikazzjoni u għandu jidħol fis-seħħ fid-data meta jiġi depożitat l-aħħar strument ta' ratifika tal-Partijiet Kontraenti Għolja kif ġej

Magħmul f'Hanoi, il-Vjetnam, it-Tlieta u Għoxrin jum ta' Lulju tas-sena Elfejn u Għaxra f'kopja waħda fil-lingwa Ingliża.

**Strument ta' Adeżjoni għat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk mill-Unjoni Ewropea**

BILLI t-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk, li kien iffirmat fl-24 ta' Frar 1976 f'Bali, l-Indoneżja, kien emendat bl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Protokoll li Jemendaw it-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk, li kienu ffirmati fil-15 ta' Diċembru 1987, fil-25 ta' Lulju 1998 u fit-23 ta' Lulju 2010 rispettivament;

BILLI l-Artikolu 18, il-Paragrafu 3 tal-imsemmi Trattat, kif emendat mill-Artikolu 1 tal-imsemmi t-Tielet Protokoll jipprovdi li l-organizzazzjonijiet reġjonali li l-membri tagħhom huma biss stati sovrani jistgħu jaderixxu mat-Trattat bil-kunsens tal-Istati kollha fl-Asja tax-Xlokk, jiġifieri il-Brunej Darussalam, ir-Renju tal-Kambodja, ir-Repubblika tal-Indoneżja, ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Lao, il-Malasja, l-Unjoni tal-Mjanmar, r-Repubblika tal-Filippini, ir-Repubblika ta' Singapor, ir-Renju tat-Tajlandja u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam;

BILLI l-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Finlandja u l-Membru tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli għar-Relazzjonijiet Esterni u l-Politika Ewropea tal-Viċinat ssottomettew applikazzjoni għall-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattat permezz ta' ittra datata s-7 ta' Diċembru 2006;

BILLI l-Istati fl-Asja tax-Xlokk qablu mal-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mat-Trattat;

L-Unjoni Ewropea hawnhekk taderixxi mat-Trattat ta' Ħbiberija u Kooperazzjoni fl-Asja tax-Xlokk b'effett mid-data tad-depożitu ta' dan l-istrument.

B'XIEHDA TA' DAN, dan l-Istrument tal-Adeżjoni jiġi ffirmat minn [TITOLU].

Magħmul fi [post], [pajjiż], dan [data] Jum ta'[xahar] fis-sena Elfejn u [sena].

Għall-Unjoni Europea